MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Numru 854/2014

ILLUM 26 ta' Novembru 2014

Il-Pulizija

Spettur Spiridione Zammit

vs

Kyle Paul Ryan Daniel Doran Mizzi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 600998m akkuzat talli;

1. fit-12 ta' Awissu 2014 ghal habta ta' 9.00pm u/jew hinijiet qabel waqt li kien fi Triq Telghat Rahal Gdid u/jew f' dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-

hajja ta' Ryan Buhagiar minn Rahal Gdid f'periklu car ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu cioe' ferita ta' natura gravi li gabitlu mankament jew sfregju f'wiccu skond ma ccertifikat it-tabib Dr. Marlon Harmsworth Reg 5439 mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid;

2. Ukoll talli fl-istess cirkostanzi hebb ghal Ryan Buhagiar biex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti hi mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Ryan Buhagiar u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza n-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament mhux opposta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum;

Semghat ix-xhieda tat-tabib;

Ikkunsidrat:

Li fuq l-iskorta tax-xhieda tat-tabib l-ferita ikkagunata giet ikklassifikata bhala gravi biss stante li kienet fuq il-wicc. Bhala fatt pero' din il-ferita ma halliet ebda mankament jew sfregju.

Rat l-Artikolu 216 u 339(d) u ssib l-imputat hati.

Tadotta kontra tieghu l-provediment tal-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9, biex izomm il-bon ordni ghal sena mill-lum taht penali ta' €1000.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------